# San Franġisk u t-Trinità

■ San Franġisk t'Assisi ħallielna kitbiet spiritwali mill-isbaħ. Huma ftit. Fihom ma' naqrawx l-għerf ta' moħħu, imma nistgħu nħossu t-taħbit ta' qalbu, għax huma l-esperjenza tar-relazzjoni tiegħu m'Alla fit-Trinità tiegħu.

Dawn il-kitbiet huma Twissijiet, Ittri, Talb ta' Tifħir, Regoli, etċ. Huma minn dawn il-kitbiet li wieħed jista' jislet il-fidi tal-fqajjar t'Assisi f'Alla fit-Trinità Qaddisa. Fidi li kien jgħix kuljum.

Fl-Ewwel Twissija tiegħu, dwar il-Ġisem tal-Mulej, jikteb: "l-Iben , billi hu daqs il-Missier, ħadd ma' jista' jarah bħalma jarah il-Missier, u bħalma jarah l-Ispirtu s-Santu".

Fit-Tifħir lil Alla l-Għoli, li fih jagħti lil Alla ismijiet mill-ibaħ jisqarr bla tlaqliq ta' xejn il-fidi tiegħu billi jgħidlu: "Int Mulej, Alla wieħed fi Tliet Persuni".

L-Ittra lill-Ordni kollu, turina kif S. Franġisk kien isejjaħ lil Alla, "l-Aktar Għoli", li "fit-Trinità perfetta u l-Unità qaddisa tgħix u ssaltan fil-glorja, Alla li tista' kollox għal dejjem ta' dejjem, Amen"

Fi kliem ta' ħeġġa għat-tifħir 'l Alla, S. Franġisk jinfexx jgħid: "Tkun Imbierka l-Imqaddsa Trinità u l-Għaqda li ma' tiġi qatt mifruda.

Il-biljett mogħti lil Fra Leone, iffirmat minn San Franġisk innifsu, il-qaddis ifaħħar lil Alla u jgħidlu: "Inti Tlieta u Wieħed".

It-Tieni ittra li kiteb lill-Insara tibda, "F'isem il-Mulej, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Amen".

Għandu ħafna iktar kliem li bih kien iħeġġeġ biex in-nies tfaħħar lil Alla bħalma:"Ibżgħu u qimu, faħħru u bierku, roddu ħajr u aduraw lill-Mulej Alla tagħna li jista' kollox fit-Trinità u l-Unità, Missier u Iben l-Ispirtu s-Santu, ħallieq ta' kollox".

F'Talba ta' radd il-ħajr, f'regola mhux bollata, jiżżi ħajr lil Alla "li bir-rieda mqaddsa tiegħek u bl-iben waħdieni tiegħek, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, ħlaqt il-ħlejjaq kollha; spiritwali u materjali, u lilna, maħluqin għax-xbieha u s-sura tiegħek".

Lill-Verġni Mbierka Marija jaraha sħiħa fit-Trinità Qaddisa: "Magħżula mill-Missier l-aktar qaddis tas-sema, u minnu kkonsagrata, flimkien ma' Ibnu l-Għażiż u l-aktar Qaddis u ma' l-Ispirtu s-Santu, id-Difensur.

L-antifona li kien jitlob qabel u wara l-Uffiċċju tal-Passjoni mfassal minnu, kien isellem lix-Xebba Marija u jgħidilha: "qatt ma' twieldet oħra bħalek fost in-nisa, bint u qaddej tas-Sultan l-Aktar Għoli u tal-Missier tas-Sema, Omm il-Mulej tagħna, il-wisq qaddis Ġesù Kristu, u għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu".

Fl-aħħarnett, San Franġisk jagħlaq it-Testment spiritwali tiegħu lill-patrijiet billi jgħidilhom: "U kull minn iħares dan kollu ikun fis-sema mimli bil-barka tal-Missier l-Aktar Għoli, u fuq din l-art bil-barka ta' Ibnu l-maħbub u ta' l-Ispirtu s-Santu Paraklitu".

Dawn huma ftit mill-ħafna kliem li juri kemm San Franġisk kien bniedem Trinitarju fl-esperjenza spiritwali tiegħu.

*Fr. Joe Buttigieg OFM. Cap.*
*Gwardjan*

GAWDI L-FESTA KIF SUPPOST!
MINGĦAJR XORB ŻEJJED...